MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru. 320/2013

QORTI **TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 24 TA’ OTTUBRU 2013**

**SPETTUR RENNIE STIVALA**

**VS**

**DANIEL CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Daniel Camilleri, ta` 33 sena iben Charles u Doris nee` Farrugia, imwieled Pieta fit-3 ta` Mejju ta 1979, u residenti 135, Triq il-Vittorija, L-Isla u detentur tal-karta ta` l-identita bin-numru 389179M

Talli;

F`xi granet, f`Dicembru ta l-2012 u qabel, b`diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, f`dawn il-Gzejjer, ghal qligh, jew bi skop ta` kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta` Malta jew tahtha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu kien ta l-kunsens tieghu ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi ttrattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li setghet iggib maghha din l-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza. Dan hu reat ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kap 9, li jittratta ksur ta' drittijiet tal-awtur. L-imputat biegh computer lil terz u fuq dan il-computer kellu 'software' ikkupjat u mhux originali. B'dan giet mgharrfa l-kumpanija barranija sid il-licenzji tas-software, u ttiehdu dawn il-passi kontra l-imputat.

Il-Qorti rat il-fedina penali ghal kollox netta tal-imputat, u l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri hafna fil-gbir tal-provi, u ghalhekk hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Madankollu, il-Qorti trid ukoll izzomm quddiem ghajnejha l-hsara li ssir lis-socjeta' meta jinkisru d-drittijiet tal-awtur meta jigu kkupjati oggetti originali u mibjugha fuq is-suq. Ghalhekk, apparti temperament fil-piena, kif ser ikun hemm, il-Qorti sejra taghti wkoll il-piena tal-multa, b'mod li din tirrifletti s-serjeta' tal-kaz u sservi ta' taghlima lill-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq Ammissjoni din il-Qorti issib lil imputat Daniel Camilleri hati skond l-akkuzi kontra tieghu u ghal daqstant qeghda tikkundanah multa ta' sebat elef Ewro (€7,000).

Inoltre il-Qorti qeghda tordna illi l-imputat ihallas l-ispejjez peritali ta' sitt mija u tnejn u tletin Ewro u ghoxrin centezmu tal-Ewro (€ 632.20), ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna id-distruzzjoni ta` l-oggetti esebiti.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------